**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 64/2017PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**CJH Web Ltd (C60212) u Hagberg Carl-Johan Leonard (108422(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tletin (30) ta' Jannar, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, sitt mija u tnejn u ghoxrin euro u wiehed u disghin centezmi (€2622.91) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40388661 f'isem is-socjeta` intimata u fejn l-intimat kien is-*Service User* u indikat ukoll bhala *Secondary Customer* u ghalhekk huwa responsabbli in solidum mas-socjeta` konvenuta ghall-hlasijiet dovuti bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghax legali a tenur tal-.art. 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-istess intimati ingunti in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba inkluzi l-istatement (a fol. 2 tal-process), kuntratt ta’ servizz (a fol. 3 tal-process) u kopja tal-ittra ufficjali datata 18 ta’ Mejju, 2016 (a fol. 8 tal-process) liema ittra baqghet ma gietx notifikata lis-socjeta` intimata.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheru ghas-seduta tal-lum.

Sema’ x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikati l-intimati naqsu milli jattendu ghas-seduta tal-lum u lanqas prezentaw ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta’ attrici.

Illi mis-*Service Order Form* ezebita a fol. 3 tal-process jirrizulta li filwaqt li s-socjeta` intimata hija indikata bhala *Customer*, l-intimat Carl-Johan Hagberg huwa indikat kemm bhala *Service User* u kif ukoll bhala *Secondary Customer* u kwindi iffirma, ai fini tal-istess kuntratt ta’ servizz kien mhux biss klijent tas-socjeta` attrici imma wkoll beneficjarju fuq l-istess.

Illi ghaldaqstant l-intimati ghandhom jigu ritenuti responsabbli *in solidum* fil-konfront tas-socjeta` attrici ghas-somom dovuti fuq l-istess kuntratt derivanti mis-servizz hemmhekk provdut lilhom mis-socjeta’ attrici.

Illi mix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici jirrizulta li l-intimati ma hallsux l-ammont mitlub minnhom skont l-istess kuntratt ta’ servizz u liema ammont jirrizulta pruvat ukoll permezz tal-istatement relattiv datat 5 ta’ Mejju, 2016.

Illi jirrizulta wkoll mill-kopja tal-kuntratt ezebita a fol. 3 li t-tip tal-*account* huwa wiehed kummercjali (*business*) u kwindi t-Tribunal isib illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali ghandu japplika l-art. 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kif mitlub mis-socjeta’ attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ it-talba tas-socjeta` attrici u dana billi jikkundanna lill-intimati ‘in solidum’ bejniethom sabiex ihallsu s-somma mitluba ta’ elfejn, sitt mija u tnejn u ghoxrin euro u wiehed u disghin centezmi (€2622.91) bl-ispejjez u bid-drittijiet u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-kontijiet relattivi a tenur tal-art. 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-istess intimati ‘in solidum’ bejniethom.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**